

32005R1239

L 200/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.7.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1239/2005**tad-29 ta' Lulju 2005**

jemenda r-Regolament (KE) Nru 581/2004 li jiftaħ stedina permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni li tikkonċerna ċerti tipi ta' butir u r-Regolament (KE) Nru 582/2004 li jiftaħ stedina permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni li tikkonċerna t-trab tal-ħalib xkumat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib¹, u partikolarment l-Artikolu 31(3)(b) u (14) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 581/2004² u l-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 582/2004³, ċerti destinazzjonijiet huma esklużi mill-għoti ta' rifużjoni għall-esportazzjoni.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 61/2007 tal-25 ta' Jannar 2007 li jiffissa r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib⁴ eskluda lil-Liechtenstein, lil-Komuni ta' Livigno u ta' Campione d'Italia, lil Heligoland, lil Greenland u lill-Gżejjer Faeroe mill-għoti ta' rifużjoni, mis-26 ta' Jannar 2007, billi ġew inklużi fiż-żoni L 20 u L 40, li jelenkaw destinazzjonijiet mhux eliġibbli għal rifużjonijiet għall-esportazzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu esklużi l-istess destinazzjonijiet mir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni stabbiliti permezz ta' l-offerti skond ir-Regolamenti (KE) Nru 581/2004 u Nru 582/2004.
- (3) Ir-Regolamenti (KE) Nru 581/2004 u (KE) Nru 582/2004 għandhom ikunu emendati skond dan.

¹ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 6).

² ĠU L 90, 27.3.2004, p. 64. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2250/2004 (ĠU L 381, 28.12.2004, p. 25).

³ ĠU L 90, 27.3.2004, p. 67. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2250/2004.

⁴ ĠU L 154, 17.6.2005, p. 10.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 581/2004, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Il-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu huma maħsuba għall-esportazzjoni għad-destinazzjonijiet kollha minbarra l-Andorra, Ceuta u Melilla, Ġibiltà, il-Liechtenstein, il-Komuni ta' Livigno u ta' Campione d'Italia, Heligoland, Greenland, il-Gżejjer Faeroe, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Belt tal-Vatikan.”

Artikolu 2

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 582/2004, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

- “1. Offerta permanenti hija miftuħa sabiex tiġi ddeterminata r-rifużjoni għall-esportazzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat imsemmi fis-Sezzjoni 9 ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87* fi xkejjer ta' mill-anqas 25 kilogramma piż nett u li jkun fih mhux aktar minn 0.5% fil-piż ta' materja mhux lattika miżjuda li jidħol taħt il-kodiċi tal-prodott ex 0402 10 19 9000, li hu maħsub għall-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet kollha minbarra l-Andorra, Ceuta u Melilla, Ġibiltà, il-Liechtenstein, il-Komuni ta' Livigno u ta' Campione d'Italia, Heligoland, Greenland, il-Gżejjer Faeroe, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Belt tal-Vatikan.

* ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1.”

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni